*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,558, 24 ta' Novembru, 1978*
*Taqsima C*

# Nru. 84

24. 11. 78

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Joseph Cassar, M.P., Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament f'isem l-Onorevoli Joseph Abela, M.P., Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 1978.

**ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1974 dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti.**

C. MIFSUD
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Joseph Cassar, M.P., Minister of Justice, Lands, Housing and Parliamentary Affairs on behalf of the Honourable Joseph Abela, M.P., Minister of Finance, Customs and People's Financial Investments and read the First time at the Sitting of the 24th October, 1978.

**AN ACT further to amend the Immovable Property (Acquisition by Non-Residents) Act, 1974.**

C. MIFSUD
*Clerk to the House of Representatives*

# ABBOZZ TA' LIĠI

## msejjaħ

*ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1974 dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1978 li jemenda l-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti (Emenda Nru. 2) u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1974 dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

2. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat biż-żieda tal-paragrafu li ġej minnufih wara l-paragrafu (ċ) tiegħu:

"(d) jippreskrivi d-drittijiet li jistgħu jinġabru għall-ħruġ ta' permessi għall-akkwist ta' proprjetà immobbli taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, u, bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, jagħmel disposizzjonijiet differenti dwar dawk id-drittijiet għal kategoriji differenti ta' applikazzjonijiet għal permess, għal kategoriji differenti ta' permessi, għal kategoriji differenti ta' persuni mhux residenti, jew għal dawk iċ-ċirkostanzi jew raġunijiet differenti kif il-Ministru jidhirlu xieraq.".

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' dan l-Abbozz huwa li jagħti s-setgħa lill-Ministru responsabbli għall-finanzi li jagħmel regolamenti li jipprovdu għall-ġbir ta' dritt dwar permessi maħruġa taħt l-Att ta' l-1974 dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti.

# A BILL

## entitled

*AN ACT further to amend the Immovable Property (Acquisition by Non-Residents) Act, 1974.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

1. This Act may be cited as the Immovable Property (Acquisition by Non-Residents) (Amendment) (No. 2) Act, 1978, and shall be read and construed as one with the Immovable Property (Acquisition by Non-Residents) Act, 1974, hereinafter referred to as "the principal Act". Short title.

2. Subsection (1) of section 7 of the principal Act shall be amended by the addition of the following paragraph immediately after paragraph (c) thereof: Amendment of section 7 of the principal Act.

"(d) prescribe the fees that may be charged for the issue of permits for the acquisition of immovable property under the provisions of this Act and, without prejudice to the generality of the foregoing, make different provisions in respect of such fees for different categories of applications for a permit, for different categories of permits, for different categories of non-resident persons, or for such different circumstances or reasons as appear to the Minister to be appropriate.".

---

## Objects and Reasons

The Object of this Bill is to empower the Minister responsible for finance to make regulations providing for the charging of a fee in respect of permits issued under the Immovable Property (Acquisition by Non-Residents) Act, 1974.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — *Published by the Department of Information*
Stampat fl-U.C.S. — Stamperija tal-Gvern — *Printed at the C.O.S. — Government Printing Press*
**Prezz 1c** — ***Price 1c***